MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 308/2002/1

**MD Trucking Limited.**

**-vs-**

**Kontrollur tad-Dwana.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ippreżentat fit-18 ta’ Marzu, 2002 li permezz tiegħu s-soċjeta’ rikorrenti esponiet bir-rispett:

Illi s-soċjeta’ esponenti ġiet notifikata b’avviż *ossia* Nota ta’ Qbid li jġib in-numru 8/2002 mingħand l-intimat, f’liema nota l-esponenti ġiet mgħarrfa li ġie sekwestrat it-*trailer* bin-“numru tar-reġistrazzjoni lokali TR 394”.

Illi *inoltre*, fl-istess nota l-esponenti ġie mgħarraf bl-artikli tal-liġi li allegatament ġew miksura.

Illi l-esponenti jinforma lill-intimat bil-miktub li kien bi ħsiebu jipproċedi skond il-liġi għar-ripresa ta' l-oġġett maqbud. Illi *inoltre*, permezz ta' ittra uffiċċjali (għas-skopijiet ta' l-Artiklu 460 tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta), l-esponenti nforma kemm l-istess intimat kif ukoll l-Avukat Ġenerali dwar proċeduri li kien bi ħsiebu jistitwixxi għar-ripresa tat-*trailer* a bażi tal-Kapitlu 37 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

Illi l-esponenti ġie nkarigat minn Cash and Carry Limited biex iġorr merkanzija mill-Italja għal Malta. L-esponenti ssubkuntratta dan ix-xogħol lill-aġenti tiegħu fl-Italja. Illi t-*trailer* in kwistjoni kien wasal Malta fl-4 ta' Ġunju, 2001 iżda ġara li ma waslux id-dokumenti relattivi miegħu. It-*trailer* sadanittant kien qed jinżamm fil-Ħal-Far Groupage Complex.

Illi t-*trailer* in kwistjoni kien dak li jissejjaħ *groupage* u fih kien hemm merkanzija ta' diversi importaturi. Illi malli waslu d-dokumenti (li kienu waslu max-*ship's bag*) relatati ma' dan il-*groupage*, saret *reconciliation* bejn id-dokumenti u l-manifest. Ġara li l-esponenti nduna li l-manifest kien jindika ammont ta' għaxar *pellets*, filwaqt li dawn l-għaxar *pellets* ma kinux indikati fid-dokumenti.
Illi peress li ma kinitx l-ewwel darba li kien hemm diskrepanzi ta' dan it-tip is-soċjeta' esponenti straħet fuq id-dokumenti li waslu max-*ship's bag*, u dan sakemm isiru l-verifiki neċessarji. Meta saru l-verifiki, is-soċjeta' esponenti rrealizzat li effettivament kien hemm żball fid-dokumenti u għamlet ammenda fuq il-formola 1C (*ossia* manifest li tingħata lid-Dwana). Din l-ammenda ġiet notifikata lill-uffiċċjal anzjan tad-Dwana Eukarist Bugeja. Dan l-uffiċċjal verbalment approva l-ammenda u nkariga l-uffiċċjal ta' taħtu Godfey Grima li kollox kien sew biex it-*trailer* seta' jinħatt.

Dwar l-ammenda li saret, din kienet fis-sens li l-oġġetti ndikati bħala *glassware* ġew mibdula għal *wine, spirits and glassware* biex jinkludu d-diskrepanza fuq imsemmija.

Illi ġara li biswit dan it-*trailer* kien hemm *trailer* ieħor b'merkanzija ntenzjonata għall-klijent Bathroom Style, liema *trailer* u merkanzija ġo fih kienu *gia'* awtorizzati jinħarġu mill-*compound* ta' Ħal-Far. Il-burdnar li kellu jiġbed it-*trailer* bil-merkanzija ta' Bathroom Style bi żball minflok ġibed it-*trailer* li kien fih il-merkanzija tal-Bathroom Style ġibed it-*trailer* in kwistjoni li dak il-ħin kien għad fadallu l-merkanzija konsistenti f'għaxar *pellets* xorb proprjeta' ta' Cash and Carry Limited.

Illi jidher li ma kien hemm ebda intenzjoni jew pjan li wieħed jevita jħallas id-dwana jew sisa, u dan għas-sempliċi raġuni li l-oġġetti li bi żball inġibdu mill-burdnar kienu oġġetti ddikjarati. L-oġġetti kienu tali li wara ssir konċiljazzjoni kienu jirriżultaw u bla ebda mod ma setgħet tinħeba.

Li ġara kien żball ġenwin li għaliha l-esponenti qed isofri intortament billi qed jinżamm it-*trailer* tiegħu bil-konsegwenza li qed iħallas flus biex dan it-*trailer* jiġi rimpjazzat b'ieħor u/jew inkariga terzi persuni biex jagħmlu x-xogħol minfloku, apparti l-valur intinsiku tiegħu stess.

Għalhekk għar-raġunijiet fuq esposti, l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna r-rilaxx ta' 'l fuq imsemmi *trailer* bin-"numru ta' reġistrazzjoni lokali TR 394" li ġie maqbud mill-intimat skond l-avviż *ossia* Nota ta' Qbid li jġib numru 8/2002 a favur l-esponenti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ta' l-intimat, ippreżentata fis-17 ta' April, 2002, li permezz tiegħu espona bir-rispett:

Illi t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li t-*trailer* bin-numru ta' reġistrazzjoni lokali TR 394, kien qed jintuża biex isir ksur tal-liġijiet tad-Dwana, u għalhekk huwa suġġett għall-qbid *ai termini* ta' l-Artiklu 68 *et seq* ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kapitlu 37.

Illi bir-rispett kollu, l-istorja ta’ kif ġraw il-fatti, kif imressqa mis-soċjeta’ rikorrenti m’hijiex verosimili. Huwa diffiċli wieħed jemmen kif l-allegat żball kien ser isir b’mod li l-importaturi kienu ser jiffrankaw milli jħallsu ammont ta’ taxxi ta’ importazzjoni. F’dan il-każ ammont konsiderevoli ta’ xorb kien ser jidħol fiċ-ċirkulazzjoni permezz ta’ dokumenti li juru konsenja ta’ madum, bil-konsegwenza li erarju sostanzjali li jammonta għal madwar tlettax-il elf Lira Maltin (Lm13,000) *excise duty* u madwar tlett elef Lira Maltin (Lm3,000) Taxxa fuq il-Valur Miżjud kien ser jintilef.

Għaldaqstant l-esponent jissottometti bir-rispett li t-talbiet tas-soċjeta’ rikorrenti għandhom ikunu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha.

Salv eċċezzjonijiet oħra jekk ikun il-każ.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem l-Assistenti Ġudizzjarji u l-affidavits preżentati mill-partijiet.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Ġunju, 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi s-soċjeta’ rikorrenti qed titlob ir-rilaxx ta’ *trailer* tagħha li ġie maqbud mill-intimat kif indikat fir-rikors promotur. L-intimat qed jirrispondi fis-sens li l-verżjoni li qed issostni s-soċjeta’ rikorrenti hija inverosimili u li in effett it-*trailer* kien qed jintuża biex jidħlu oġġetti kontra l-Ordinanza tad-Dwana u kwindi kellu kull raġun jordna l-qbid tiegħu.

Wieħed għalhekk irid jeżamina l-provi biex jasal għad-deċiżjoni.

Is-soċjeta’ attriċi ppreżentat affidavit ta’ Mark Ferris li kien jaħdem bħala *Bond operator* dak iż-żmien. Is-soċjeta’ attriċi ġiet inkarigata minn Cash and Carry Limited biex

iġġorr merkanzija mill-Italja għal Malta u meta waslet induna li kien hemm diskrepanza bejn id-dokumenti u l-manifest. Irrealizza li kien hemm żball fid-dokumenti u qabel infetaħ it-*trailer* avża lill-uffiċċjali tad-Dwana. Skond ix-xhud kien hemm *trailer* ieħor biswit it-*trailer* tagħhom li kien fih merkanzija ordnata minn soċjeta' oħra (Bathroom Style) u l-burdnar bi żball ġibed *trailer* b'ieħor. Huwa ma kienx fuq il-post eżatt u qalu x'ġara l-burdnar. Eventwalment ġew il-pulizija fuq il-post. Michael Debono, direttur tas-soċjeta' attriċi, *piu' o meno* kkonferma dak li qal Ferris u żied li ma kien hemm ebda intenzjoni jew tentattiv ta' evażjoni ta' dazju.

Fis-seduta tat-23 ta' Ottubru, 2002 xehed Euchar Bugeja, Uffiċċjal Prinċipali tad-dwana, u skond hu l-ammendi li saru fil-manifest ġew miżjuda wara li nfetaħ it-*trailer*. Xehed ukoll fizzjal tad-Dwana Godfrey Grima li qal li kien kellmu Ferris li kien hemm bżonn xi ammenda fil-manifest rigwardanti merkanzija li kellha tasal għand ċertu Guido Vella. Huwa nforma lil Bugeja, li huwa superjur tiegħu, u dan awtorizzah jiftaħ it-*trailer*. X'ħin fetħuh fil-wiċċ kien hemm fliexken tax-xorb alkoħoliku. Skond ix-xhud din hija proċedura normali.

Fis-seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2004 xehed Christopher Saliba, li huwa *customs assistant*, li kien fuq il-post. Dakinhar, skond ix-xhud, wasal *trailer* magħluq u s-sewwieq tah *gate pass* li kellu miktub fuqu li kien fih għaxar *pellets* ta' madum taċ-ċeramika u x'ħin ittawwal ra kaxex bi flixkun impinġi fuqu. Meta talbu d-dokumenti l-oħra qallu li ma kellux. Meta qallu li jidher li kien hemm ix-xorb qallu li probabbli ġab il-*pass* ħażin u għalhekk qallu biex iġib it-tajjeb. Ġie xi ħames minuti wara bit-*trailer* miftuħ u tah *gate pass* differenti u dan kellu l-madum fuqu għalkemm *pellet* wieħed biss – iżda ladarba l-materjal qabel ħallih joħroġ. Ġibed l-attenzjoni ta' sieħbu Carmel Sammut u rrapportaw lis-superjuri tagħhom. Marru fuq it-*trailer* li kien ser joħroġ l-ewwel u dan kellu x-xorb alkoħoliku fuqu. Kien ipparkeġġjat mal-genb ta' Bond ta' MD Trucking u ġabu l-pulizija u kkonfermaw li kien hemm għaxar *pellets* xorb.

Anthony Cassar, li fiż-żmien in kwistjoni kien fis-sezzjoni kontra l-Frodi tad-Dwana, qal li kien wieħed milli nvestiga l-każ u qal fost affarijiet oħra li l-*pass* li kien jindika l-madum kien intefa f'*dustbin* imqatta' fl-uffiċċju tal-*Bond Operator* u sabuh f'dak l-istat. George Agius, li kien kollega tiegħu, kkonferma dan kollu.

Bugeja reġa' xehed fl-24 ta' Ottubru, 2005 fejn ikkonkluda li l-gwardjan kien ġih suspett minħabba li fuq il-kartun kien hemm deskrizzjoni ta' spirti.

Is-Supretendent Alexandra Mamo xehdet quddiem l-Assistent Ġudizzjaru fil-15 ta' Novembru, 2007 u qalet li meta marret fuq il-post u għamlet l-investigazzjonijiet (li ġabret fihom l-informazzjoni fuq imsemmija) ikkonkludiet illi Ferris, Debono u Joseph Cassar (il-burdnar) kienu pprovaw idaħħlu l-ispirti mingħajr ma jħallsu d-dazju dovut. Madankollu ma dehrilhiex li Reuben Vella u Romina Agius (illum mart Rueben Vella) kienu nvoluti għax lanqas biss kienu jafu li l-merkanzija waslet għalkemm ikkonfermaw li kienu ordnaw merkanzija li kellha tinġarr minn Cassar.

Il-Qorti wara li eżaminat il-provi fid-dettall, tħoss li l-intimat għandu raġun jgħid li l-verżjoni tar-rikorrenti hija inverosimili. Kien ikun ferm konvenjenti għar-rikorrenti li jirnexxielhom joħorġu fis-suq ammont sostanzjali ta' alkoħol meta ddikjarati kellhom biss madum. Huwa wkoll ferm suspettuż l-atteġġjament tan-nies imsemmija mis-Supretendent Mamo, l-iktar il-fatt li tqatta' l-*gate pass* li kien jindika li kien hemm madum u anke l-fatt li fil-fatt kienet teżisti biss *pellet* wieħed madum meta kienu ddikjarati għaxra – palesament biex jitħawdu ma' dawk tax-xorb.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' l-intimat u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti. L-ispejjeż jitħallsu mill-istess rikorrenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------